# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 914/2020 MH**

**Illum 16 ta' Dicembru, 2022**

**Martina Spiteri (ID 799358M), Therese Marquette (ID 525861M), Mario Grima (ID 18965M), Helen Borg (ID 160168M), Mary Grech (ID 683362M), ahwa Grima ulied il-mejtin George Grima u Maria nee Xerri; u Darren Grima (ID 531479M), u Sharon Sultana (ID 391077M) ulied il-mejjet Carmelo Grima iben iehor ta' George Grima u Maria nee Xerri.**

**vs**

**Dr Noel Bartolo u l-P.L. Gerald Bonello mahtura b'digriet tas-16 ta' Novembru, 2020 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw il-koproprjetarju assenti Joseph Grima, u b'nota tal-31 ta' Dicembru, 2021 Dr Noel Bartolo gie sostitwit minn Dr Josette Sultana.**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat tal-atturi tat-13 ta' Ottubru 2020** permezz ta' liema ppremettew –

1. *"Illi dan l-applikazzjoni qed issir ai termini ta' l-Artikolu erba mija u hamsa u disghajn ittra A (495A) tal-Kodici Civili, Kap sittax (16) tal-ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi l-proprjeta' in kwistjoni hija garage u jinsab fl-indirizz numru ufficjali hamsa u tletin (35) u maghruf bl-isem "Harris", jinsab fil-ground floor level, sottopost ghal beni ta' terzi, fi Triq San Lawrenz, Birkirkara.*

3. *Illi din il-proprjeta' kienet tappartjieni George u Maria konjugi Grima li gew neqsin fil-25 ta' Marzu 2005 u fl-14 ta' Jannar 2009 rispettivament. Huma gew succeduti mis-sebgha uliedhom, Martina Spiteri, Therese Marquette, Mario Grima, Helen Borg, Mary Grech, Carmelo Grima li gie nieqes fit-22 ta' Settembru 2017 u wirtuh iz-zewg uliedu l-atturi Darren Grima u Sharon Sultana, u l-konvenut assenti Joseph Grima;*

4. *Illi mir-ricerki testamentarja li saru rrizulta illi l-ahhar testment ta' George Grima kien dak "unica charta" ta' l-20 ta' Gunju 2001, in atti Nutar Dottor Christopher Gatt, u innomina lis-sebghat itfal taghhom bhala eredi universali taghhom fi kwoti ndaqs bejniethom; u l-ahhar testment ta' Maria Grima kien dak tat-13 ta' Awissu 2007, in atti Nutar Dottor Maria Spiteri, in forza ta' liema hija nnominat lil Theresa Marquette bhala eredi universali proprjetarja assoluta taghha;*

5. *Illi ghalhekk ir-rikorrenti Theresa Marquette tippossjiedi erba minn sebgha (4/7) indivizi, fil-waqt li s-sitt ahwa l-ohra u cioe' Martina Spiteri, Mario Grima, Helen Borg, Mary Grech, Carmelo Grima u l-intimat Joseph Grima jippossjiedu r-rimanenti tlieta minn sebgha (3/7) invidizi bejniethom, u cioe' wiehed minn erbatax (1/14) indivizi kull wiehed u wahda minnhom [Ara Prospett Dok. "A" hawn unit].*

6. *Illi r-rikorrenti jixtiequ jghaddu ghall-bejgh ta' l-imsemmi garage bin-numru ufficjali hamsa u tletin (35) maghruf bl-isem "Harris", jinsab fil-groundfloor level, sottopost ghal beni ta' terzi, fi Triq San Lawrenz, Birkirkara, soggett ghas-servitujiet passivi inkluz il-moghodija ta' katusi tad-drains u drenagg li jservu l-fondi sovrastanti, u jgawdi d-drittijiet u s-servitujiet attivi rizultanti mill-posizzjoni relattiva tieghu,*

*altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu, inkluz is-sottosuol relattiv tieghu, u inkluza l-bitha li hija retroposta ghall-istess garage u minnu formanti parti ntegrali, skond il-konvenju hawn anness u markat Dok. "B" redatt minn Nutar Dottor Jonathan Zammit, u dana versu l-prezz ta' tlieta u erbghajn elf euro (€43,000) li jithallsu ma' l-att finali;*

7. *Illi fuq l-imsemmi konvenju l-attrici Martina Spiteri kienet deheret ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-assenti huha l-konvenut Joseph Grima, izda mbaghad inqata' kull kuntatt u l-imsemmija Martina Spiteri ma baqghatx tirrapprezentatah aktar;*

8. *Illi l-intimat mhijux ser ikun pregudikat finanzjarjament minn dan il-bejgh stante li l-prezz hu wiehed gust [Ara Valutazzjoni Dok. "C" hawn unit rilaxxjata mill-Perit Arkitett Johan Farrugia].*

9. *Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.*

*Ghaldaqstant jghidu ghalhekk l-intimati nomine l-ghaliex dina l-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, m'ghandhiex:-*

1. *Tawtorizza l-bejgh tal-garage bin-numru ufficjali hamsa u tletin (35) u maghruf bl-isem "Harris", jinsab fil-ground floor level, sottopost ghal beni ta' terzi, fi Triq San Lawrenz, Birkirkara, soggett ghas-servitujiet passivi nkluz il-moghodija ta' katusi tad-drains u drenagg li jservu l-fondi sovrastanti, u jgawdi d-drittijiet u serviujiet attivi rizultanti mill-posizzjoni relattiva tieghu, altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzikollha tieghu, inkluz is-sottosuol relattiv tieghu, u inkluza l-bitha li hija retroposta ghall-istess garage u minnu formanti parti ntegrali;*

2. *Tahtar kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-lill-intimat assenti Joseph Grima fuq l-att ta' trasferiment skond il-konvenju fuq indikat, u biex jiffirmaw ghan-nom ta' l-imsemmi Joseph Grima d-dikjarazzjoni "causa mortis" rigwardanti s-sehem indiviz tieghu li gej mill-eredita' ta' missieru George Grima, u jithallsu t-taxxi kollha dovuta.*

3. *Tistabilixxi l-hin, jum u lok, fejn u meta ghandha ssir il-pubblikazzjoni tat-trasferiment relattiv fil-waqt li tahtar lin-Nutar Dottor Jonathan Zammit sabiex jippublika l-istess kuntratt jew kuntratti pubblici.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat kif debitament rapprezentat illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni u salv kull provvediment iehor illi dina l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi."*

Rat ir-**Risposta Guramentata ta' Dr. Noel Bartolo (ID 543473(M) u l-P.L. Gerald Bonello** fil-kwalita taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil ko-proprjetarju assenti Joseph Grima nominati b'Digriet tas-16 ta' Novembru 2020

Fejn ġie eċċepiet dan :-

*" Jesponu bir-rispett u bil-gurament tiegħu Dr. Noel Bartolo (ID 543473(M) fil-kwalita tiegħu premessa jikkonferma:*

*1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u għalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirrnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista għandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimat.*

*2. Illi fi kwalunkwe kaz l-atturi jridu jipprovaw li jeżistu l-estremi kollha għal azzjoni that l-Art 495A tal-kap 16.*

*3. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri".*

Rat l-Atti kollha tal-kawża,;

Semgħet it-trattazzjonijiet

Ikkunsidrat

Illi ir-rikors ġuramentat huwa wieħed imressaq ai terminu ta' l-artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta fil-kaz ta' din l-azzjoni, kif ta' spiss jiġri l-Qorti rrikorriet għal stima ta' perit tekniku biex tassigura lil prezz li wasslu għalih il-partijiet rikorrenti mhux wieħed li jista' jkun tali li jippreġudika mod gravi lil assenti jew dissidenti.

Pero qabel ma' l-Qorti tgħaddi biex teżamina dak li rriżulta mir-rapport peritali jinħtieg li l-ewwel jkun eżaminat jekk il-vot ta' l-artikolu 495A (2) tal-Kap 16 ġiex sodisfatt;

*"(2) It-talba lill-qorti għandha* ***ssir permezz ta' rikors*** *li miegħu jkun hemm annessa* ***dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ*** *kif ukoll* ***prospett li jkun juri l-għadd u l-valur tal-ishma*** *li kull wieħed minnhom ikollu kif ukoll* ***il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ikun ser isir il-bejgħ****. Fir-rikors għandha tiġi indikata wkoll id-data meta l-ħwejjeġ ikunu ġew in komun u ċ-ċirkostanzi relattivi."*

Tara li dawn ir-rekwiziti ġew aderiti u d-dokumenti relattivi huma annessi mar-rikors promotur.

Rat ukoll illi ai terminu ta' l-artikilu 495A (3) imsemmi li ġiet esebita l-estratt mill-gazzetta tal-Gvern ta' dan ir-rikors promotur[1] ukoll pubblikazzjoni tar-rikors promotur f'gazzetta waħda lokali.[2]

Rat ukoll li mar-rikors promotur ġie esebit affidavit ta' Martina Spiteri [3]li barra li spjegat sew il-provenjenza mill-wirt tal-genituri tagħha tal-garaxx *de quo,* ddikjarat bil-ġurament li ħuha l-assenti Joseph Grima għalkemm kien taha l-prokura biex f'ismu tidħol ġo konvenju, pero issa kienet tilfet kull kuntatt miegħu. Dan skontha kien emmigra lejn l-Ingilterra pero kien f'xi żmien qata' l-kuntatt magħha għal kollox.

[1] Folio
[2] Folio 117
[3] Folio 27

Illi rat ukoll illi r-rikorrenti presentaw ukoll stima ta' perit *ex parte* dwar il-prezz ġust tal-garaxx, dan għal prezz ta' €43,000[4], dan hu datat **21 ta' Frar, 2020**

Illi kif ingħad il-Qorti għaddiet biex tinnomina perit tagħha bl-inkarigu li jistabilixxi l-istima tal-fond *de quo*. Għalhekk il-perit Nicholas Mallia presenta r-rapport tiegħu[5], ta' ionteress għal din il-vertenza hu li fih ikkonkluda lli l-valur tal-garaxx *de quo* huwa dak ta' **Ewro 170.000.**

Tqies lil perit ħa in konsiderazzjoni fatturi u kundizzjonijiet tal-propjeta' fl-istat li hi meta għamel l-aċċess, ukoll jgħid li kellhom jiġu kkunsidrati il-possibbli permessi li setgħu jinħargu fuq l-istess propjeta' ta' tibdil mill-użu eżistenti bħala garaxx għal wieħed kummerċjali. Tara ukoll lil perit ikkunsidra il-potenzjal ta' garaxx ta' **<u>4 karrozzi</u>** fl-iskizz anness mar-rapport tiegħu.[6] Ikkunsidra ukoll il-fatt li dan il-fond kien sitwat f'żona fejn kien hemm nuqqas ta' *parking,* ukoll fejn il-garaxxjiet kienu piutost imfittxija.

Jingħad ukoll illi saret eskussjoni tal-perit li għalkemm ma ġietx registrata[7] kienet waħda fejn l-avukat tar-rikorrenti prova mhux ftit biex jxejjen il-konklussjonijiet pertitali. Dan okkorra għax fil-verita' hemm diskrepanza **mhux negligibbli** bejn il-prezz miftiehem fil-konvenju u dak li wassal għalih il-perit tekniku, cioe' wieħed ta' **€127,000. Fil-fatt sehem l-assenti Joseph Grima bis-somma kif proposta fil-konvenju jonqos bis-somma ta' €9,071.42, ovvjament minn dan trid titnaqqas it-taxxa tat-trasferiment dovuta.**

Fl-istess eskussjoni l-avukat tar-rikorrenti ikkonfronta lil-perit tekniku fuq il-potenzjal minnu suggerit lil garaxx jintuża' għal erba' karozzi, tant lil avukat insista li b'hekk ma setax jinfetaħ il-bieb ta' l-istess garaxx. Da parti tiegħu l-perit Mallia żamm ferm mal-konklussjonijiet tiegħu, skontu dipendenti fuq il-qisien tal-karozzi ggaraxxjati, ukoll mal-prezz li kkonkluda għax fil-fehma tiegħu garaxx b'dak il-qies u potenzjal kien iġib dawk l-ammont fiż-żona li kien sitwat fiha.

Tqies ukoll dak li jgħid l-**artikolu 681 tal-Kap 12** jipprovdi hekk –

*"Il-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha."*

[4] Folio 10 dok C tal-perit Johann Farrugia
[5] Folio 107
[6] Folio 114
[7] Ara seduta tas-16 ta. Novembru, 2022 folio 116

Jiġi sottolineat li l-insenjament ġurisprudenzjali dwar il-piż probatorju ta' opinjonijiet ta' natura teknika huwa wieħed konkordi u ormai ben kristalizzat. Kif ingħad fil-każ **A.F. Ellis (Home Decor) Limited vs Raymond Azzopardi et deċiż fil-15 ta' Mejju 2014**[8] **-**

*"Fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawża "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –*

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skond il-liġi prova ta` fatt li kellhom bħala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta' natura teknika li ma setax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika.*

*In linea ta` prinċipju, għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' tagħmlu b' mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami ("**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).*

*Jiġifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ mil-lat tekniku. ( ara - "**Cauchi vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; "**Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; "**Tabone vs Tabone et**" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `**Attard vs Tedesco et**` - Qorti tal-*

[8] Rik 988/08

*Appell – 1 ta` Ġunju 2007 u "**Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et**" (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Diċembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta` lilha mogħtija ta' talba għan-nomina ta` periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli" – ("**Bugeja et vs Muscat et**" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Ġunju 1967)."*

Fid-dawl ta' dan kollu suespost isegwi li għalkemm Qorti mhijiex marbuta li tadotta l-konklużjonijiet ta' rapport peritali redatt fuq inkarigu minnha mogħti, madankollu hija m'għandhiex b'mod leġġer tiskarta tali riżultanzi tenut kont li dawn ikunu magħmula minn espert imqabbad apposta mill-Qorti biex jeżamina materja teknika bħal ma hu l-każ odjern. Għalhekk sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjonijiet ta' tali relazzjoni mhumhiex korretti u ġusti hija għandha tadotta tali konklużjonijiet.

Kif ingħad l-avukat tar-rikorrenti ikkritika mhux bil-ftit il-fatt lil-perit tekniku poġġa erba' karozzi fil-garaxx *de quo,* skontu minħabba l-qisien tal-karozzi moderni ukoll minħabba nuqqas ta' manuvrabilta' ta' tant karozzi ġo spazju daqshekk ristrett.

Għalkemm mhux persuna ta' natura teknika, u fil-fatt huwa suggettiv u ipotetiku x'karozzi jistgħu jitqegħdu fil-garaxx , il-Qorti xorta tagħraf li hemm qabża kbira bejn il-prezz miftiehem fil-konvenju u dak li kkonkluda il-perit tekniku maħtur minnha. Dana ukoll jekk il-Qorti ma tieħux in nkonsiderazzjoni fatturi futuristiċi bħal *change of use* tal-garaxx għal fond kummerċjali. Xorta jibqa' l-fatt li Joseph Grima jew il-werrieta tiegħu se jiġu zvestiti mis-somma ndikata bħala differenza fil-prezz.

Dwar il-preġudizzju li jinħtieg li jissusisti biex tiġi resistita t-talba, **wieħed serju**[9], ngħad dan fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Edith Cachia et vs Mary Grech.**[10]

*"Għalkemm din il-liġi tista' tiġi interpretata bħala bejgħ furzat għar-rigward tal-minoranza dissendenti, huwa d-dover tal-Qorti li tara u tassigura li ma jsirx abbuż, sfruttament u li l-minoranza ma tbagħti ebda preġudizzju għalhekk kif ingħad fis-sentenza mogħtija fis-6 ta' Frar 2017 mill-Prim'Awla Qorti Ċivili fl-*

[9] L-artikolu 495A jitkellem dwar *"..gravament preġudikat"*
[10] 349/2016RGM datata 15 ta' Lulju, 2021

*ismijiet* **Josephine Grech pro et noe vs. George Joseph Parnis** *(Rik Ġur 168/16 LM)7:*
*"l-artikolu 495A tal-Kap 16 huwa eżemplari eċċelenti ta' dan il-kompromess. Propjetà li titħalla mhux maqsuma għal iktar minn għaxar snin [Jew ghal tlett snin fil-każ ta' wirt li jigi fis-sehh wara l-1 ta' April, 2016], li huwa diġa perjodu twil ħafna, tista' tinbiegħ mill-komproprjetarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma b'kundizzjoni waħda suprema: li l-komproprjetarji dissidenti ma jkunux gravement ppreġudikati. Għalhekk mhux bizzejjed li jigu ppreġudikati, imma jinħtieg li jkunu gravament ippreġudikati. Hawn il-leġislatur qed jagħmilha ċara li anke jekk il-kundizzjonijiet tal-bejgħ ma jkunux ottimali, jew l-aħjar li jistgħu jingiebu fis-suq, xorta waħda l-bejgħ irid isir; il-linja trid tinqata' u tinqata' malajr. Altrimenti jiġi mminat l-iskop kollu tal-precitat artikolu 495A tal-Kap 12."*

L-istess intqal f'deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta` Ġunju 2011 fil-kawża **David Abela noe vs. Dr. Simon Micallef Stafrace noe** ingħad li :*"L-iskop ta` dan l-artikolu tal-ligi kien intiz biex jiffacilita t-trasferiment ta` proprjeta intera meta jkun hemm proprjetarji ta` minoranza ta` ishma li ghal raguni jew ohra ma jridux jew ma jistghux jersqu ghat-trasferiment tal-intier tal-proprjeta in komun. Hi fil-fatt forma ta` trasferiment forzat li ghalih il-ligi tpoggi parametru ben car sabiex ma jsirx abbuz, sfruttament jew fi kliem il-ligi `pregudizzju serju` ghal drittijiet tal-minoranza."*

Ta' relevanza ukoll għal kaz in eżami hija l-kunsiderazzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Spiteri et vs. Josephine Debono et**[11] fejn ġie ritenut li:

*"Il-kawza u r-raguni tal-artikolu 495A hu l-hall tax-xirka tal-komproprjetarji meta l-minoranza ma tkunx trid tinhall mill-koproprjeta. Jekk jinstab xerrej u l-valur oggettiv tas-sit hu ragonevoli u realistiku tenut kont tal-fatti marbuta direttament mas-sit allura r-rieda tal-maggoranza ghandha tirbah. Hu inutili li wiehed jispekula li seta' ingieb prezz ahjar jew il-potenzjal tal-izvilupp hu aktar. Il-mezzi u intenzjoni tal-akkwirent prospettiv mhumiex rilevanti ghal fini tal-valur tal-proprjeta. Dak li hu rilevanti hu l-valur tas-sit fis-suq u* ***jekk il-bejgh ikunx ser jikkreja pregudizzju serju lil minoranza. Tali pregudizzju ma jistax jitqies b'mod ipotetiku jew teoretiku jew fondat fuq raguni li tista' jew ma tistax issehh.."*** **( enfasi ta' din il-Qorti).**

[11] Rik. Nru 899/2016 MCH deċiża fis-27 ta' Ġunju 2017.

Fis-sentenza appellata u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **In-Nutar Richard Vella Laurenti et. vs John Vella Laurenti** [12] intqal dan dwar il-livell ta' preġudizzju li hu meħtieg biex tiġi mwaqqaf din it-talba għal bejgħ taħt dan l-artikolu.

*"Illi din hi ażżjoni msejsa fuq l- artikolu 495A tal-kodiċi Ċivili li s-subartikolu 1 tiegħu jgħid hekk:*

*" Salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta' indiviżjoni forzata, meta xi ħaġa tkun inżammet inkomui għal iżjed minn għaxar snin u ħadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjeta li tkun qed tinżamm in komuni , u l-komproprjetarji jonqsu milli jiftiehmu dwar il-bejgħ ta' xi proprjet partikolari bejniethom, il-qorti għandha, jekk tkun sodisfatta li ħadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament preġudikat b'dak li tordna, tawtorizża l-bejgħ skont ma jkun jixtieq l-akbar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal- ishma li kull komproprjetarju jkollu.*

*"Illi l-iskop ta' dan l-artikolu tal-liġi kien intiż biex jiffaċilita t-trasferiment ta' proprjeta' intera meta jkun hemm proprjetarji ta' minoranza ta' ishma li għal raġuni jew oħra ma jridux jew ma jistgħux jersqu għat-trasferiment tal-intier tal-proprjetà in komun. Dan hu fil-fatt forma ta' trasferiment forzat li għalih il-liġi tpoġġi parametri ċari sabiex ma jsirx abbuż , sfruttament jew fi kliem il-liġi preġudizzju gravi għad-drittijiet tal-minoranza.*

*" lli l-liġi tpoġġi ċerti kundizzjonijiet fuq min irid jipprevalixxi ruħu minn din id-dispożizzjoni tal-liġi. Dawn huma:*

*"1. Stat ta' komunjoni għal aktar minn għaxar snin li ma tkunx wieħed ta' indiviżjoni forzata jew ġej minn stat ta' kondominju jew għal tliet snin fil-każ ta' wirt li jiġi fis-seħħ wara l-1 ta' April, 2016;*
*"2. Li ma hemmx azzjoni għad-diviżjoni in corso;*
*"3. Nuqqas ta' ftehim dwar il-bejgħ.*

*" lli f'din l-azzjoni r-rikorrenti flimkien mal-intimata Monica Pace Gouder għandhom il-maġġoranza assoluta (7/8) tal-ishma fil-fond/i de quo li ilhom għal iktar mi għaxar snin indiviżi, ċjoè minn meta miet il-missier fit-3 ta' Ottubru 1989 u l-omm fis-26 ta' Mejju 2002.*

*" lli ma jirriżultax li bejn il-kontendenti hemm xi kawża għad-diviżjoni għaddejja.*

[12] 956/2017 deċiża 27/01/17

*"Illi l-liġi fl-Artikolu 495A(2) tal- Kap. 16 jispeċifika l-għamla li għandha tieħu l-azzjoni u jgħid hekk:*

*"It-talba lill-qorti għandha ssir permezz ta' rikors li miegħu jkun hemm annessa dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ kif ukoll prospett li jkun juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed minnhom ikollu kif ukoll il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ikun ser isir il-bejgħ. Fir-rikors għandha tiġi indikata wkoll id-data meta l-ħwejjeġ ikunu ġew inkomun u ċ-ċirkostanzi relattivi. .*

*...*

*"Illi jinkombi fuq il-Qorti li tivverifika hi jekk mill-assjem tar-riżultanzi hux sodisfaċentement ippruvat illi l-bejgħ mhux ser jirreka preġudizzju gravi lis-sidien minoritarji. Infatti s-subinċiż (6) tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16 jimponi fuq il-Qorti in materja l-obbligu li tqis kull fattur rilevanti inkluż il-valur tal-proprjeta' u l-prezz tal-bejgħ u tista' tordna li ssir stima ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 306 tal-Kap. 12.*

*" lli f'dan il-kaz il-Qorti ma ordnatx stima hi iżda l-partijiet ippresntaw stejjem maħlufin minn periti maħturin ex parte. Jirriżulta li:*

*"1. r-rikorrenti ppresentaw stima tal-Perit Anthony Fenech Vella datata 18 ta' ettembru, 2015 li stima li proprjet tiswa €220,000*
*"2. Il-konvenju sar fil-5 ta' Ottubru 2015 bil-prezz ta' €250,000*
*"3. L-intimat ippresentaw żewġ stejjem, it-tnejn datati 11 ta' Frar, 2016 waħda tal-Perit Nicholas Samut-Tagliaferro €275,000 - €285,000 u l-oħra tal-Perit Ludovico Micallef €275,000 - €280,000*

*"Illi fis-sena 2004 il-leġislatur żied l-Artikolu 495A mal-Kodiċi Ċivili bil-għan li jiffaċilita l-bejgħ ta' proprjeta' miżmuma inkomu għal iżjed minn għaxar snin permezz ta' proċedura orħos, u iktar spedituża, minn dik ta' kawża għal liċitazzjoni. Dan fl-interess kemm tal-komproprjetarji nfushom, kif ukoll fl-interess pubbliku li l-proprjeta' ma titħalliex vojta b'detriment għal min irid isib negozju jew akkomodazzjoni residenzjali, b'dannu kbir għall-ekonomija tal-pajjiż. Da barra l-għadd kbir ta' kawżi interminabbli aktarx frott ta' pika jew nuqqas ta' bon sens. L-amministrazzjoni tal-ġustizzja fiż-żminijiet kontemporanji ma timmirax għal rettitudni perfetta fl-applikazzjoni tal-liġi għall-fatti veri. Filwaqt li dan jibqa' l-għan tal-proċedura ċivili, dan irid jiġi bbilanċjat minn għanijiet oħrajn li l-ġustizzja trid tilħaq, bħaż-żmien li jittieħed biex tinqata'*

*kawża, li jrid ikun raġonevoli – u dan huwa jedd fundamentali tal-bniedem – l-aċċess ta' kulħadd għall-ġustizzja – li ma jistax isir jekk l-ispejjeż ikunu kbar iżżejjed għal-litigant inkella għat-taxpayer li jiffinanzja l-apparat ġudizzjarju. Għalhekk kwaluNkwe sistema ġudizzjarja hija bilfors kompromess bejn dawn id-diversi għanijiet, kultant konfliġġenti ma' xulxin.*

*"Illi l-Artikolu 495A tal- Kap. 16 huwa eżemplari eċċellenti ta' dan il-kompromess. Proprjetà li titħalla mhux maqsuma għal iktar mi għaxar snin*[13]*, li huwa diġa perijodu twil ħafna, tista' tinbiegħ mill-komproprjetarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma b'kundizzjoni waħda suprema: li l-komproprjetarji dissidenti ma jkunux gravement ippreġudikati. Għalhekk mhux biċċżejjed li jiġu ppreġudikati, imma jinħtieġ li jkunu gravement ippreġudikati. Hawn il-leġislatur qed jagħmilha ċara li anke jekk il-kundizzjonijiet tal-bejgħ ma jkunux ottimali, jew l-aħjar li jistgħu jinġiebu fis-suq, xorta waħda l-bejgħ irid isir; il-linja trid tinqata' u tinqata' malajr. Altrimenti jiġi mminat l-iskop kollu tal-preċitat Artikolu 495A tal-Kap 12.*

*"Illi fil-kaz preżenti, l-istima pprovduta ex parte mir-rikorrenti saret qabel il-konvenju u tqis l-istat tal-proprjetà kif fil-fatt hu, b'kamra fuq il-bejt ikbar milli fil-fatt hemm permessi għaliha filwaqt li l-konvenju ġieb prezz ikbar. Min- naħa l-oħra, l-istejjem tal-periti tal-intimat saru wara l-konvenju, wara li fetħet il-kawża, u jieħdu in kunsiderazzjoni bdil tal-politika tal-ippjanar li aktarx tippermetti sanzjonar tal-illegalità u aktarx ukoll l-awment tal-prezzijiet tal-bini fl-inħawi. Huwa dubju kemm wieħed jista' jieħu qies ta' permessi li għadhom ma ħarġux, jew ta' fatturi li seħħu wara l-konvenju u wara l-ftuh tal-kawża.*

*" lli fi kwalunkwe każ, anki jekk għas-saħħa tal-argument il-Qorti kellha tqis ukoll dawn il-fatturi li seħħew ex post facto, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-preġudizzju li jista' jsofri l-intimat, li huwa l-uniku proprjetarju dissidenti minn tmien aħwa li għandhom ishma daqs, huwa ta' madwar €3,000 meta skont il-konvenju għandu jirrikava, qabel it-taxxa, €31,250. Dan ifisser li kwalunkwe preġudizzju li jista' jsofri, mhuwiex preġudizzju gravi. Dan apparti l-fatt li l-intimat naqas li jiddikjara x'inhu l-preġudizzju gravi li jsofri fir-risposta tiegħu, kif inhu marbut li jagħmel skont l-Artikolu 495A(5) tal-Kodiċi Ċivili. Mhux biżejjed biex jissodisfa l-vot tal-liġi dak li qal fir-risposta apparti eċċezzjonijiet ta'natura proċedurali u ċjoe li l-konvenju ma jirriflettix il-prezz tas-suq."*

[13] Jew għal tlett snin fil-kaz ta' wirt bli jiġi fis-seħħ wara l-1 ta' April, 2016.

*Kif ingħad din is-sentenza ]iet fil-fatt ikkonfermat fl-appell. Intqal_:*

*"Minn din is-sentenza appella l-konvenut John Vella Lurenti li talab li din il-Qorti tirrevokaha u tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u allura tiċħad it-talba attriċi; l-atturi naturalment talbu l-konferma tagħha.*

*L-aggravju huwa wieħed u ċioe` li l-appellant kien se jsofri pregudizzju jekk ikun awtorizzat il-bejgħ minħabba li skont hu l-prezz miftiehem huwa wieħed baxx u l-partijiet jistgħu jġibu prezz ahjar fis-suq ta' llum. Naturalment huwa jisrieh fuq iz-zewg stimi tal-periti Micallef u Sammut Tagliaferro li esebixxa tul il-kors tal-kawża.*

*Kif sewwa irrimarkat l-ewwel Qorti l-istejjem li issa qed jagħmel riferenza għalihom l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu u li għalihom ghamel riferenza ampja l-abbli difensur tiegħu huma t-tnejn ta' bejn €275,000 sa €285,000. Dan ifisser li l-massimu ta' differenza bejn il-prezz milħuq mill-atturi max-xerrej potenzjali tagħhom hija ta' €30,000 li jekk tinqasam bejn il-partijiet kollha kopropjetarji jfisser differenza ta' ċirċa €3,000 li minnhom trid titnaqqas it-taxxa fuq il-qliegh. Għalhekk kif sewwa qalet l-ewwel Qorti ma jirriżulta ebda* ***pregudizzju gravi*** *kif trid il-liġi fis-sub inċiż 5 tal-istess artikolu, tenut kont tar-rikavat ta' kull sehem. Meta l-liġi fl-artikolu msemmi issemmi l-kelma pregudizzju tinftiehem li dan irid ikun* ***gravi*** *– b'tali mod li l-bejgħ eventwali tal-proprjeta` in kwistjoni jkun biex wieħed juża terminu bl-ingliż "manifestly u fair għad-dissident.*

*Il-liġi ċivili tagħna ma tiffavorixxix il-komunjoni tal-proprjeta` u dan minn żminijiet antiki għaliex dan dejjem kien meqjus bħala dannuż għall-ekonomija tal-pajjiż li tiddependi fuq il-moviment tal-proprjeta` u dan wieħed jista' jarah minn diversi provvedimenti fil-Kodici Ċivili tagħna li jirrigwardjaw il-qsim tal-proprjeta` in komuni – per eżempju tiffavorixxi li min ikollu proprjeta` tmiss ma' dik li qed tinqasam ikollu d-dritt li jiġi assenjat il-proprjeta` adjaċenti. Kien għalhekk li ġie introdott pjuttost riċentement l-Artikolu 495A li fuqu hija bbażata din il-kawża.*

*Kif intqal fil-kawża fl-ismijiet* ***Dottor Anna Felice et v. Dr Mark Mifsud Cutajar nomine*** *deċiża mill-Prim'Awla fil-25 ta' Lulju 2013*

*"L-Art.495A daħal fil-Kap.16 tal-Liġijiet ta` Malta in forża tal-Att XVIII tal-2004. Id-disposizzjoni tagħti l-fakolta` lill-Qorti li tawtorizża bejgħ ta' proprjeta` in komuni meta "grupp ta' komproprjetarji li jridu jbiegħu l-proprjeta` u wieħed minnhom ma jridx ibiegħ kapriċċjozament." (Onor. Carmelo Mifsud Bonnici – Laqgħa tal-11 ta' Mejju 2004 tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi). Skond l-istess kelliemi, l-intenzjoni kienet biex "nipprovaw inkissru dak il-power of veto u qed ngħidu li trid tkun ilek ten years in common." Il-ħsieb tal-liġi hu li tingħata proċedura relativament sempliċi u ta' malajr biex jintemm stat ta' komunjoni ta' proprjeta li l-ligi ma tiffavorihx."*

*Ir-rekwisiti biex il-Qorti tilqa' t-talbiet għall-bejgħ huma elenkati wkoll fis-sentenza fl-ismijiet* **Dottor Victor Bugeja et v. Dottor Benjamin Valenzia et** *deċiża wkoll mill-Prim'Awla fit-02 ta'Gunju 2016.*

*Din il-Qorti żżid tgħid li biex tiddeċiedi li ma taderixxix għat-talba għall-bejgħ mhux biżżejjed li l-konvenut jesebixxi stimi li juri differenza fil-valur tal-proprjeta` li finalment jekk tinqasam bejn il-koproprjetarji tkun relattivament żgħira. L-iskop tal-Artikolu 495A mhuwiex biex jiġi assigurat bi preċizjoni l-valur tal-proprjeta` fis-suq – xi ħaga finalment soggettiva sia pure bil-benefiċċju tal-perizja teknika – iżda li tassikura bejgħ bi prezz ġust (li jkun assikurat għaliex miftiehem fil-konvenju) li ma jilledi lill-ebda propjetarju. Finalment din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza appellata u tiddikjara li taqbel kompletament magħha anke fir-ragunament li għamlet biex waslet għad-deċiżjoni tagħha"*

Ikkunsidrat ulterjorment.

Minħabba l-kuniderazzjonijiet kollha li saru f'dak ċitat fl-insenjamenti ġurisprudenzjali din l-Qorti ħasbet fit-tul għal dak li għandha tkun is-soluzzjoni ġusta biex ma jiġiex sfrattat bejgħ ta' propjeta' miżmuma in kommunjoni u minn naħa l-oħra ma jiġiex preġudikat id-dritt ta' l-assenti. F'din il-konsiderzzjoni l-Qorti żżomm f'moħħa l-iskop tal-legislatur wara l-artikolu li hawn qed jiġi invokat.

Għal dan l-iskop tagħmel referenza għal deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Philip Agius et. vs L-Avv. Dr. Josette Sultana et.**[14] fejn il-Qorti rinfaċċata b'simili divergenzi għamlet is-segwenti kondiderazzjonijiet:_

*"In tema legali ssir referenza għal dak li ddikjarat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet* ***Helen Zammit et vs. Madeleine Muscat*** *(Rik Ġur Nru 327/16) fejn kellha dan xi tgħid fir-rigward tal-Artikolu 495A tal-Kapitolu 16 :*

*"Madankollu, biex Qorti tiddeċiedi jekk tilqax jew le talba għall-bejgħ ma huwiex biżżejjed li l-parti intimata tressaq stejjem li juru differenza fil-valur tal-proprjeta' fejn id-differenza fil-valur bejn il-prezz miftiehem u l-valur fl-istima tkun relattivament żgħira. Kif ingħad, l-iskop tal-artikolu 495A mhuwiex biex jiġi assigurat bi preċiżjoni l-valur tal-proprjeta' fis- suq, imma li tara li l-bejgħ isir bi prezz xieraq li ma jġib ħsara lill-ebda proprjetarju;"*

*"Illi l-għan ta' dan l-artikolu tal-liġi kien intiż biex jiffaċilità t-trasferiment ta' proprjetà fl-intier tagħha meta jkun hemm proprjetarji ta' minoranza ta' ishma li għal raġuni jew oħra ma jridux jew ma jistgħux jersqu għat-trasferiment tal-intier tal-proprjetà in komun.*[15] *L-akkoljiment tat-talbiet attriċi jwassal għall-bejgħ sfurzat għar-rigward tal-minoranza dissendenti jew mhux magħrufa. Huwa għalhekk id-dover tal-Qorti li tara u tassugura li ma jsirx abbuż, sfruttament u li l-minoranza ma tbgħati ebda preġudizzju (li pero kif se naraw huwa wieħed kwalifikat).*

…

*Ikkunsidrat*

*Illi ai termini tal-Artikolu 495A dak li jeħtieġ li tassikura din il-Qorti huwa li l-prezz tal-bejgħ ikun vantaġġjuż għall-partijiet kollha, kemm dawk li jkunu jridu jbiegħu, kif ukoll għal dawk li ma jkunux iridu (fil-każ li jkun hemm opposizzjoni minn dawn tal-aħħar) jew għal dawk il-ko-propjetarji li ma jkunux magħrufa jew jekk magħrufa ma jistgħux jiġu ntraċċati (kif inhu l-każ tal-lum).*

[14] 10 ta'  Lulju 2019
[15] 5 Ara **David Abela noe vs.** Dr. Simon Micallef Stafrace noe (Rik Ġur Nru 1177/2010) deċiża mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-30 ta' Gunju 2011.

*Illi l-Qorti trid tistrieħ fuq il-provi miġjuba quddiemha inkluz u b'mod partikolari ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju nominat mill-Qorti proprju sabiex jassisti fir-rigward tal-valutazzjoni tal-fond immobiljari mertu tal-kawza.*

*Fil-konvenju gie indikat illi l-fond de quo ser jinbiegh bil-prezz ta' sitta u ghoxrien elf ewro (€26,000) filwaqt li l-Perit Tekniku Godwin Abela irrelata illi l-valur fis-suq hieles tenut kont li l-proprjeta' hija soggetta ghal inkwilinat antik huwa ta' hamsa u erbghin elf ewro (€45,000) filwaqt li minghajr l-inkwilinat tah valur ta' sebghin elf ewro (€70,000). Bejn il-valur indikat fil-konvenju u l-valutazzjoni tal-perit gudizzjarju, mehud in konsiderazzjoni li l-fond huwa soggett ghall-inkwilinat, hemm diskrepanza ta' dsatax-il elf ewro (€19,000). Differenza sostanzjali ta' tlieta us sebghin fil-mija (73%). Nonostante din id-differenza l-atturi ma pproponew l-ebda kambjament fil-konvenju mertu tal-kawza. Il-konvenuti ghandhom tnejn minn sebgha (2/7) parti indivia tal-fond de quo. Ghalhekk skond il-konvenju is-sehem tal-konvenuti ghandu valur ta' €7,428.57; skond ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju sehem il-konvenuti ghandu valur ta' €12,857.14; differenza ta' hamest elef, erba' mija u tmienja u ghoxrin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€5,428.57).*

***Fil-fehma tal-Qorti il-konvenuti iġarrbu preġudizzju serju jekk il-Qorti tawtorizza l-bejgħ kif propost fil-konvenju.*** [16]

*Dwar aspetti oħra tal-vertenza il-Qorti tosserva illi l-istat ta' komunjoni bejn il-partijiet ilha għal aktar minn tliet snin u m'hijiex waħda ta' indiviżjoni forzata jew ġejja minn stat ta' kondominju. Lanqas ma jirriżulta li hemm pendenti xi kawża ta` diviżjoni li tirrigwarda l-proprjetà in kwistjoni. Il-partijiet għamlu wkoll id-dikjarazzjoni tagħhom ai termini tal-Artikolu 495A (4) u mill-atti jirriżulta wkoll il-publikazzjonijiet ai termini tal-Artikolu 495A (3).*

***Fl-istess hin il-Qorti tqis illi l-Artikolu 495A tal-Kap 16 huwa intiz sabiex jipprotegi lill-koproprjetarji li mhux partecipi fil-konvenju u mhux intiz sabiex il-Qorti tiddetta lil min volontarjament u konxjament irid ibiegh sehemu bi prezz inferjuri ghal dak valutat mill-perit gudizzjarju. (ENFAZI TA' DIN IL-QORTI).***

*Il-Qorti tqis ukoll illi l-liġi tinkoraġġixxi li proprjeta' bejn hafna sidien tiġi konsolidata għaliex dan huwa fl-interess ġenerali fosthom li jiġi evitat proprjeta' derelitta minħabba nuqqas ta' ftehim bejn ħafna sidien.*

[16] Enfasi ta' din il-Qorti.

*Għaldaqstant filwaqt li l-Qorti mhiex ser tawtorizza il-konvenju kif propost, sejra tagħti l-fakolta' lill-atturi u x-xerrejja prospettvi sabiex sehem il-konvenuti jinbiegħ bil-prezz ta' €12,857.14 minflok bil-prezz ta' €7,428.57. żieda ta' ħamest elef, erba' mija u tmienja u għoxrin ewro u sebgħa u ħamsin centezmu (€5,428.57).”*

Din il-Qorti hija tal-fehma li fil-fatt din hija soluzzjoni ekwa u ġusta għal partijiet kollha, ukoll u b'hekk tiġi rispettata l-volonta' tal-legislatur lil propjeta' ma tibqax inkommunjoni b'ishma indiviżi. Spetta għal moġġoranza li jassikuraw li huma ukoll jottjenu l-aħjar prezz, fil fatt **huma jafu biex huma lesti li jkunu kuntenti bħala prezz dovut għal sehemhom**. Pero il-Qortu ma tistax tinjora la d-daqs tal propjeta' soggett ta' din il-kawza[17], garaxx bil-bitħa miegħu, lanqas il-lokallita' li qegħda fiha. Il-generu tagħha ta' garaxx, *a prexindere* minn kambju ta' użu futur, jagħmilha ħafna u ħafna attraenti konsiderando n-nuqqas ta' parkegg ġo pajjiżna u fil-lokalita' indikata.

**Konsegwentement taqta' u tiddeċidi billi tiddisponi mit-talbiet attriċi kif ġej:**

1.Tilqa l-ewwel talba kif dedotta.

2.Fil-konfront tat-tieni talba din hija milqugħa **biss** jekk jiġi assigurat illi s-sehem indiviż ta' l-assenti Joseph Grima **jiżdied** bis-somma ta' **tmien t'elef ewro (€8,000)** almenu, bil-kundizzjonijiet kollha l-oħra kif riflessi fil-konvenju imsemmi, għal dan l-iskop qed jiġu kkonfermati l-kuraturi deputati ġia maħtura sabiex jirrapresentaw l-assenti Joseph Grima fuq il-pubblikazzjoni ta' l-att finali ukoll biex jiffirmaw għan-nom ta' Joseph Grima d-dikjarazzjoni *causa mortis* rigwardanti s-sehem tiegħu li ġej mill-eredita' ta' missieru George Grima, ukoll li jitħallsu it-taxxi dovuti. Il-kumplament ta' dak dovut lil assenti Joseph Grima għandu jiġi depositat taħt l-awtorita' ta' din il-Qorti biex jiġi eventwalment żbankat kif dovut.

[17] Potenzjal ta' tlieta jew erba' karozzi.

3. Tordna li dan il-bejgħ għandu jsir bil-kundizzjoni kif sudetta fil-ħin u l-lok mogħti lil partijiet minn Nutar Dottor Jonathan Zammit biex jiġi ppubblikat l-att tat-trasferiment relattiv u dan fi żmien tmien gimgħat mil-lum.

**Onor. Miriam Hayman**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep Reg**